MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 9/2010

**Austin (ID 65232M), Nazzareno sive Reno (ID 504528M) u Paul (ID 43927M) ahwa Attard Montalto, kif ukoll Edward Attard Montalto (ID 648060M), Victoria Grech (ID 448062M), Deborah Attard Montalto (ID 349766M), u Patricia Agius Vadala’ (ID 86759M) kif ukoll Marion (ID 1049948M) mart in-Nutar Joseph Saydon, Charles Vella Bonavita (ID 870345M) kif ukoll Michael (Passaport Ingliz nru 008494535) u Philip (Passaport Ingliz nru. 043891236) ahwa Kitson Attard Montalto, kif ukoll Susan Lee (Passaport Ingliz nru. 035168209), kif ukoll Josephine sive Angela Hathaway (ID 616348M) , Arlette Grech (ID 896852M), Charles Polidano f’ismu proprju (ID 306259M) u ghan-nom tas-socjeta Polidano Brothers Limited (C8884) u Maria Buttigieg kif ukoll Maria Stella Camilleri**

**vs**

**Martin u Peter ahwa Vella**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti in solidum jikru lill-intimati ahwa Martin u Peter Vella, l-ghalqa ta’ cirka 14-il tomna b’referenza ghall-ghalqa taz-zonqor limiti ta’ Marsascala, liema ghalqa hija mqabbla lilhom bi qbiela ta’ Euros 93.17 li jithallsu kull hmistasx (15) t’Awissu ta’ kull sena;

Illi r-rikorrenti permezz tal-prezenti rikors jixtiequ jirriprendu l-pussess tal-istess ghalqa Taz-Zonqor limiti ta’ Marsascala u dan ai termini tal-artikoli 4(2)(d), 4(2)(e) u 4(2)(f) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ser jigi trattat fil-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti in solidum jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza lill-istess rikorrenti jirriprendu lura minghand l-ahwa intimati Martin u Peter Vella l-ghalqa taz-Zonqor limiti ta’ Marsascala ta’ cirka erbatax (14)-il tomna, u dan taht dawk il-provedimenti kollha opportuni u necessarji li dan il-Bord joghgbu jawtorizza;

Bl-ispejjes kontra l-istess intimati, inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezentata nhar it-22 ta’ Settembru 2009, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa bhala Dokument A kif ukoll ittra interpellatorja tal-Perit Austin Attard Montalto datata 21 t’Awissu 2009, liema ittra intbaghtet bil-pink card (registrata) u liema registrazzjoni giet lura lill-istess mittenti Austin Attard Montalto u li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa bhala dokument B1 u B2

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f’din il-kawza, kif jidher mill-atti u l-verbali tas-seduti, l-intimati minkejja li debitament notifikati naqsu milli jidhru u jikkonestaw it-talbiet dedotti kontra taghhom mis-sidien ta’ din l-art. Ir-rikorrenti ghalhekk strahu fuq l-apparenti nuqqas ta’ interess da parti tal-intimati u ressqu lil wiehed mir-rikorrenti biex jikkonferma l-fatti bil-gurament. Dan ix-xhud ikkonferma li r-raba’ mhux wiehed saqwi, haga din li ma ghandha l-ebda ezitu fuq il-kaz in dizamina stante li l-premessi huma bazati fuq l-artikoli 4(d) (e) u (f) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti xehed illi l-intimati ilhom sitt snin ma jhallsu l-kera minkejja li kienu debitament notifikati b’ittri appoziti u dan minghajr ebda raguni.

Ir-rikorrenti esebew kopja ta’ ittri interpellatorji li l-intimati naqsu milli jwiegbu ghalihom jew b’oggezzjoni jew billi jissaldaw il-morozita’ kif mitlub. Ir-rikorrenti izda ma ressqu ebda xhieda dwar l-allegazzjoni taghhom bazata fuq l-artikoli 4(d) u 4(f) tal-Kap 199;

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha stante li l-intimati huma moruzi fil-hlas tal-kera dovuta skond l-artikolu 4(e) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-ghalqa fuq deskritta fi zmien tlett xhur mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimati

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------